**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1122/2012 AF**

**George u Rosaria konjugi Falzon**

**vs**

**Carmelo Falzon**

**Mary Gelfo u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Mejju 2013 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fil-kunjom ta' Mary Gelfo u li ghandu jaqra 'Mary Falzon' u fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2013, il-Qorti ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem Maria Falzon bhala tutrici ta' Kaylee Falzon**

**B'digriet tal-Qorti tal-11 ta' Dicembru 2012, Dr. Simon Micallef Stafrace LL.D u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo gew mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eredi tal-mejta Concetta Falzon u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Mejju 2013, il-Qorti laqghet it-talba ghall-estromissjoni tal-kuraturi deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-PL Marie Claire Bartolo**

**Joseph Falzon**

**Carmelo Falzon**

**Emmanuel Falzon**

**Hugo Falzon**

**u**

**Josephine Muscat**

**u**

**l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi George u Rosaria konjugi Falzon li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' skrittura privata datata 8 ta' Mejju 1995 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. GF1), l-atturi xtraw u akkwistaw minghand missier George Falzon, il-konvenut Carmelo Falzon u mart l-istess Carmelo Falzon (illum mejta) Catherine Falzon neé Abela, ix-xarabank tal-ghamla AEC bin-numru tar-registrazzjoni Y-0426 (illum DBY 426) skond il-kundizzjonijiet hemm miftehma.

L-eredi tal-mejta Catherine neé Abela huma l-konvenuti l-ohra f'din il-kawza. Illum il-gurnata wahda mill-eredi, u cioé Concetta Falzon mietet, u l-eredi taghha mhumiex maghrufa u ghaldaqstant gie ntavolat rikors sabiex jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredi tal-mejta Concetta Falzon.

Skond il-ftehim hawn fuq citat, senjatament klawsola (c) il-vendituri obbligaw ruhhom li jiggarantixxu l-pacifiku pussess u

liberu godiment tal-imsemmija xarabank filwaqt li skond klawsola (a) l-ispejjez necessarji biex isir it-transfer tax-xarabank in kwistjoni kienu a karigu tax-xerrejja atturi.

Minkejja li gew diversi drabi interpellati sabiex jersqu ghat-trasferiment tax-xarabank, il-konvenuti baqghu inadempjenti minn dan l-obbligu minnhom assunt u dan b'dannu ghall-atturi meta b'rizultat ta' din l-adempjenza, l-atturi spiccaw tilfu l-bejgh ta' din ix-xarabank meta giethom l-opportunità li jbieghu.

B'rizultat ta' din l-inadempjenza, l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta rrifjutat illi taghti kumpens lill-atturi bhala sidien tax-xarabank u dan minhabba li x-xarabank ma kienitx registrata fuq l-atturi u l-licenzja tal-istess ma kienitx f'isem l-atturi.

L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta infurmat lill-atturi illi sakemm ma tkunx ordnata xort'ohra mill-Qorti kompetenti, hija taghti kumpens biss lis-sid registrat tal-vettura (Dok. GF2).

Kawza ta' dan l-atturi tilfu eluf kbar ta' liri f'kumpens.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti naqsu mill-obbligi assunti fl-iskrittura datata 8 ta' Mejju 1995.

2. Tordna l-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jiffirmaw kull dokument necessarju sabiex jigi effettwat it-trasferiment tal-imsemmija xarabank mal-awtoritajiet kompetenti u fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dan, tahtar kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-konvenuti ghat-trasferiment relattiv.

3. Tordna li l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta tersaq ghal kuntratt mal-atturi bhala sidien registrati u taghti l-kumpens lill-imsemmija atturi.

4. Fin-nuqqas illi t-tielet talba tigi milqugha, tillikwida, tiddetermina u tiddikjara l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi.
5. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata favur l-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tagħha diversament presjeduta tal-11 ta' Diċembru 2012 li permezz tiegħu ħatret lill-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace u lill-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Concetta Falzon.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, ir-rikors mahluf huwa null in kwantu dirett kontra l-Awtorità esponenti stante li dan ma giex precedut minn att gudizzjarju skond il-provvedimenti tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu l-atturi qeghdin jimpunjaw ghemil amministrattiv tal-Awtorità esponenti, ir-rikors guramentat gie pprezentat *fuori termine* in kwantu dirett kontra l-Awtorità esponenti stante illi r-rikors guramentat ma giex prezentat fi zmien sitt xhur minn meta r-rikorrenti saru jafu jew setghu saru jafu, skond liema gie l-ewwel, bid-decizjoni ossija bl-ghemil amministrattiv tal-Awtorità esponenti kif jitlob l-artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 permezz ta' liema decizjoni ossija ghemil amministrattiv gew infurmati li ladarba mhumiex is-sidien registrati tal-vettura imsemmija fir-rikors mahluf l-Awtorità esponenti ma setghetx tidhol maghhom f'xi ftehim u lanqas setghet taghtihom xi kumpens u dan kif jirrizulta car mill-ittra hawn annessa bhala Dok. TM1.

Inoltre, preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet imressqa mill-atturi fil-konfront tal-Awtorità

esponenti huma improponibbli billi l-atturi certament kellhom rimedji ohra disponibbli ghall-ilment migjub f'dina l-kawza kif mahsub fl-artikolu 469A (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Preliminarjament ukoll, dina l-Onorabbli Qorti ghandha fl-istadju preliminari tal-kawza tiddeciedi jekk l-atturi ghadx ghandhom xi jedd ta' azzjoni emenenti mill-iskrittura li fuqha jsejsu t-talbiet taghhom jew tali jedd ta' azzjoni huwiex preskritt bid-dekors tal-hames (5) snin skond gurisprudenza pacifika tal-Qrati taghna.

Preliminarjament ukoll, it-talbiet tal-atturi ghal danni in kwantu saru kontra l-Awtorità esponenti huma preskritti bid-dekors tas-sentejn taht l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-talbiet attrici huma improponibbli taht ir-regola tan-*nom cumul* billi l-azzjoni ghal danni diretta kontra l-Awtorità ma tistax tkun hlief ghal danni *aquiliani* u dik kontra l-konvenuti l-ohra ghal danni kuntrattwali meta tali kumulu ta' azzjonijiet mhuwiex permess.

Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorità esponenti mhijiex legittimu kontradittur ghat-talbiet intavolati permezz tar-rikors guramentat stante illi hija mhijiex parti mill-kuntratt ta' bejgh iffirmat bejn, minn naha wahda, Carmelo Falzon u Catherine neé Abela, u minn naha l-ohra, George Falzon u martu Rosaria, liema ftehim mertu tar-rikors mahluf allura jikkostitwixxi *res inter alios acta* fir-rigward tal-Awtorità esponenti li ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-Awtorità esponenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dana ghall-fatti spjegati hawn taht:

> Fl-2009, l-Awtorità esponenti iddecidiet illi, sabiex *inter alia* tottempra ruhha mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja, hija kellha tirtira l-licenzji tal-karozzi tal-linja vigenti u tohrog sejha ghall-offerti sabiex jigi maghzul operatur tat-trasport pubbliku gdid u dan anke skond ir-Regolamenti (KE) Nru

1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar Servizzi Pubblici tat-Trasport tal-passiggieri bil-Ferrovija u bit-Triq li jhassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70.

Sabiex tilhaq tali ghan, l-Awtorità esponenti ma kellhiex triq ohra hlief li tirtira l-licenzji tax-xarabanks dak iz-zmien vigenti u offriet is-sidien registrati tal-istess xarabank, li kellhom l-istess licenzja registrata f'isimhom, kumpens ghall-irtirar tal-istess licenzja.

F'Jannar 2010, l-atturi ffirmaw ftehim skond liema l-Awtorità esponenti kienet sejra tirtira l-licenzji tat-trakk tal-linja numru DBY 426 u thallas lill-istess l-ammont ta' €92,700 bhala kumpens tal-irtirar tal-istess licenzja, liema ftehim qed jigi hawn anness bhala Dok. TM2.

L-Awtorità giet ukoll mgharrfa b'dokument ta' trasferiment tal-vettura DBY 426, anness mar-rikors guramentat bhal Dok. GF1, però tali trasferiment qatt ma gie registrat mal-Awtorità mill-bejjiegh u x-xerrej, kif kellhom dover jaghmlu skond il-ligi, u ghaldaqstant l-Awtorità esponenti ma setghetx tirrikonoxxi tali dokument minghajr direzzjoni xort'ohra mill-Qorti.

Ghaldaqstant l-Awtorità esponenti ma kienitx f'posizzjoni illi tiffirma l-ftehim anness bhala Dok. TM2 peress illi mir-records taghha kien jirrizulta illi l-vettura sorreferita kienet qeghda registrata f'isem haddiehor.  Kopja relattiva tal-VERA hawn annessa bhala Dok. TM3.

L-Awtorità esponenti avzat lill-atturi illi hija ma kienitx f'posizzjoni illi tidhol fi ftehim mal-istess permezz ta' ittra datata 30 ta' Marzu 2010 kif jidher mid-dokument anness bhala Dok. TM1.

Xi zmien wara gie sottomess ukoll lill-Awtorità ftehim iffirmat mill-konvenut Carmelo Falzon (ID numru 35137(M)), is-sid registrat tal-vettura skond liema ftehim l-Awtorità esponenti kienet sejra tirtira l-licenzji tat-trakk tal-linja numru DBY 426 u thallas lill-istess l-ammont ta'

€92,700 bhala kumpens tal-irtirar tal-istess licenzja, liema ftehim qed jigi hawn anness bhala Dok. TM4.

Is-sur Carmelo Falzon issottometta wkoll affidavit lill-Awtorità esponenti, hawn anness bhala Dok. TM5, fejn iddikjara illi ghalkemm huwa ma kellux pussess fiziku tat-trakk tal-linja surreferit, huwa ma kienx trasferixxa tali trakk.

Xi zmien wara, l-Awtorità rceviet ittra minghand l-avukat tal-atturi fejn dan talab illi jithallas kumpens minghand l-Awtorità. It-twegiba tal-Awtorità gja giet annessa mar-rikors tar-rikorrenti minkejja li ntbaghtet "minghajr pregudizzju".

Ghaldaqstant, kif jirrizulta car, l-Awtorità esponenti m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-atturi u t-talbiet taghhom huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ma tista' bl-ebda mod:

(a) Tigi ordnata biex tassumi obbligi li jirrizultaw mid-Dok. GF1, li hija kompletament estranea ghalih;

(b) Tigi ordnata biex tiffirma xi dokumenti tat-trasferiment tat-trakk tal-linja u dan stante illi d-Dok. GF1 bl-ebda mod ma jobbliga lilha sabiex taghmel dan u lanqas hija obbligata li taghmel hekk skond il-ligi;

(c) Tigi ordnata tersaq ghall-kuntratt mar-rikorrenti u dan stante illi l-obbligu tal-Awtorità illi thallas kumpens tal-irtirar tal-licenzja kien jorbot biss fuq il-persuni illi dak in-nhar kienu sidien registrati u allura kellhom licenzja ta' xarabank f'isimhom;

(d) Tigi ordnata li thallas xi danni lir-rikorrenti u dan stante illi ma hemm ebda obbligu naxxenti minn xi ligi jew kuntratt bejnha u bejn ir-rikorrenti li jorbotha li taghmel dan;

In kwantu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' danni allegatament ikkagunati lilhom, l-Awtorità esponenti twiegeb illi anke tali

talba in kwantu tista' tkun diretta kontra taghha, mhux biss hija preskritta, izda hija wkoll ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt billi hija ma tahti ghall-ebda dannu li l-atturi setghu sofrew kawza tan-nuqqas taghhom jew tal-konvenuti l-ohra.

F'kull kaz, l-Awtorità esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-talbiet tal-attrici ghandhom jigi michuda bl-ispejjez, u dan taht dawk il-provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Carmelo Falzon, Mary Falzon ġja Gelfo, Joseph Falzon, Carmelo Falzon, Emanuel Falzon, Hugo Falzon u Josephine Muscat li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament, illi r-rikors guramentat huwa null stante li ma hemm l-ebda lok li jinhatru u jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredi tal-mejta Concetta Falzon u dan ghar-raguni li l-eredi huma maghrufa u dan skond kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji tal-istess Concetta Falzon.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi r-rikors guramentat huwa null stante li l-konvenuta Mary Gelfo ilha li rrivertiet ghal kunjom xbubitha u b'hekk it-talbiet fil-konfront taghha ma jistghux jintlaqghu.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi r-rikors guramentat huwa null u li l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-istess rikors ma jikkontjenix tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba kif irid l-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti huma

preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet tal-attrici fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura li fuqha hija msejsa din il-kawza mhijiex ammissibbli bi prova u dan ghaliex barra li ma tikkontjenix il-kontenut intier taghha, hija kopja tal-kopja, mhijiex awtentikata u lanqas ma tista' tigi awtentikata stante li l-Avukat Dottor Mark Busuttil li kien xhud tal-iskrittura mhuwiex indikat bhala xhud.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti ma jistghux jintlaqghu u dan stante li l-atturi naqsu mill-obbligazzjoni taghhom li jghaddu s-somma miftehma lill-istess esponenti u b'hekk skattat ir-rizoluzzjoni rizoluttiva u dan ai termini tal-Artikolu 1068 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet kif postulati ma jistghux jintlaqghu fil-konfront tal-esponenti ghaliex se mai, l-atturi kellhom primarjament jitolbu l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni u fin-nuqqas li dan isir, ikunu jistghu jipprocedu ghad-danni.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

In sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet, Carmelo Falzon jikkonferma bl-istess gurament tieghu, is-segwenti fatti:

Illi x-xarabank bin-numru DBY 426 già Y-0426 kien proprjetà ta' Carmelo Falzon filwaqt li uliedu inkluz l-attur kienu jahdmu

dan ix-xoghol ma' missierhom. Maz-zmien l-attur beda jaghmel certu pussessi fuq it-trakkijiet u beda jarma ghal rasu.

L-attur talab numru ta' xarabankijiet minghand Carmelo Falzon, u dan tal-ahhar sabiex izomm il-paci, ikkuntentah.

Fir-rigward tax-xarabank mertu tal-kawza, l-attur qatt ma hallas l-ebda centezmu lill-istess Carmelo Falzon.

Bl-istess mod kien hemm xarabankijiet ohrajn li l-attur ikkapparra minghand Carmelo Falzon u sahansitra a dirittura innegozjahom. Di più, ittiehdu anke proceduri kriminali kontra l-attur dwar falsifikazzjoni tal-firma ta' Carmelo Falzon, filwaqt li b'sentenza ohra ta' dina l-Onorabbli Qorti moghtija fid-29 ta' Ottubru 2012, gie deciz li l-atturi ikkapparraw anke bini tal-istess Carmelo Falzon.

Bhala stat ta' fatt, l-Awtorità Transport Malta jirrikonoxxu bhala sid tal-vettura *de quo* lil Carmelo Falzon.

L-ewwel darba li l-konvenuti semghu xi haga dwar xi pretensjoni tal-atturi fir-rigward tax-xarabank kien propju biss wara li dan ghamel protest f'Settembru tal-2010.

Bint Carmelo Falzon hija kunjomha Falzon stante li ilha separata minn zewgha Victor Gelfo sa mill-2004, filwaqt li l-2009 iz-zwieg taghhom gie dikjarat null.

Fir-rigward tal-mejta Concetta Falzon, skond l-ahhar testment taghha, id-decujus halliet lil bintha minuri Kaylee Falzon bhala eredi taghha, filwaqt illi b'digriet iehor tal-21 ta' Dicembru 2012 moghti minn dina l-Onorabbli Qorti (Gurisdizzjoni Volontarja), Marija Falzon giet mahtura tutrici tal-istess Kaylee Falzon.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace u tal-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi ta' Concetta Falzon li permezz tagħha eċċepew illi:

L-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat in-nota tal-atturi tal-25 ta' April 2013 li permezz tagħha rtiraw it-tielet, r-raba' u l-ħames talbiet tagħhom.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Mejju 2013 li permezz tiegħu ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi deputati.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2013 il-Qorti ordnat li l-atti tal-kawża jiġu trasfużi f'isem Maria Falzon bħala tutriċi tal-minuri Kaylee Falzon.

Rat in-nota tal-atturi tat-28 ta' Mejju 2013 li permezz tagħha ddikjaraw li kienu qegħdin iċedu l-atti tal-kawża fil-konfront tal-Awtorità għat-Trasport f' Malta.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar inadempiment ta' obbligi kuntrattwali. Permezz dawn il-proċeduri, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex isir it-trasferiment tal-liċenzja tax-xarabank tal-għamla AEC bin-numru ta' reġistrazzjoni Y-0426 (illum DBY 426) minn fuq isem il-konvenut Carmelo Falzon għal fuq isem l-attur George Falzon.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur huwa iben il-konvenut Carmelo Falzon. L-attur għandu fil-pussess tiegħu x-xarabank mertu tal-kawża b'dan illi l-liċenzja tal-imsemmija xarabank tgħajjat lill-konvenut Carmelo Falzon.

L-atturi kienu ffirmaw skrittura privata datata 8 ta' Mejju 1995 mal-konvenut Carmelo Falzon u martu Catherine Falzon, illum mejta, li permezz tagħha l-atturi xtraw mingħand Carmelo u Catherine Falzon ix-xarabank *de quo*. Peress illi ma ġietx esibita kopja kompluta ta' din l-iskrittura, għaliex ma setgħetx tiġi rintraċċjata mill-atturi, il-kundizzjonijiet ta' dan il-bejgħ baqgħu misturi. Madanakollu, mid-dokument esibit jirriżulta li kien ġie stabbilit prezz, liema prezz kellu jitħallas fuq l-iskrittura, stante li l-vendituri ddikjaraw li kienu qegħdin iħallu d-debita riċevuta. Ġie stipulat ukoll illi l-ispejjeż sabiex isir it-trasferiment tal-liċenzja tax-xarabank kellhom ikunu a karigu tax-xerrejja u li l-venditur kien qiegħed jiggarantixxi l-paċifiku pussess u liberu godiment tal-vettura, ossia xarabank.

Kif diġà ntqal, jirriżulta li x-xarabank *de quo* kienet u għadha fil-pussess tal-attur imma t-trasferiment tal-liċenzja għal fuq ismu minn fuq isem il-konvenut Carmelo Falzon qatt ma saret. Skont Carmelo Falzon, dan għaliex l-attur baqa' qatt ma ħallsu l-prezz miftiehem ta' Lm2,000 għall-bejgħ tax-xarabank. L-attur jinsisti li huwa kien xtara x-xarabank minn flusu fl-1979 għall-prezz ta' Lm1,400 u li l-iskrittura tal-1995 saret sabiex il-partijiet jirregolaw ruħhom. Peress li l-konvenut baqa' jirrifjuta li jiffirma d-dokumenti meħtieġa għat-trasferiment tax-xarabank, l-attur jgħid li kellu jiftaħ din il-kawża. Skont l-attur ukoll, minħabba l-aġir tal-konvenuti huwa tilef il-bejgħ tax-xarabank kif ukoll l-opportunità li jiġi kumpensat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Permezz ta' nota preżentata seduta stante fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2013, l-atturi ddikjaraw li kienu qegħdin iċedu l-atti tal-kawża fil-konfront tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi fil-konfront tagħha u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-risposta ġuramentata tal-Awtorità.

Permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-kawża fil-25 ta' April 2013, l-atturi ddikjaraw li kienu qegħdin jirtiraw it-tielet, r-raba' u l-ħames talbiet tagħhom. Il-konvenuti oġġezzjonaw għal din in-nota għal raġunijiet ta' natura proċedurali kif ukoll minħabba l-ispejjeż. Iżda r-rigorożità formali, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, ġiet temperata tul is-snin

sabiex '*issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ'* (Michael Attard noe vs Raymond Galea, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 1998) u '*kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorożita' proċedurali, u il-formaliżmu esaġerat darament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk ma għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza*' (Aquilina vs Cassar – Vol. LXXVI.iv.666), (il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza James Demanuele vs Elena Maria Felice deċiża mill Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April 2002 u l-ġurisprudenza hemm citata). Għalhekk, din il-Qorti tqis illi bin-nota tagħhom l-atturi rrinunzjaw għat-tielet, r-raba' u l-ħames talba tagħhom u għaldaqstant, ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

Il-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ġew sorvolati in kwantu li l-Qorti ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi deputati kif ukoll awtorizzat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża sabiex kunjom il-konvenuta jaqra Falzon minflok Gelfo.

Il-konvenuti jeċċepixxu li r-rikors ġuramentat huwa null għaliex ma ġiex imfisser sew l-oġġett u raġuni tat-talba kif irid l-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Guido J. Vella A & CE vs Dr Emanuel Cefai LLD tal-4 ta' Novembru 1991, meta f'ċitazzjoni teżisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni tal-Artikolu 156(1)(a) għax ma jkunx fiha tifsira ċara u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Issa fil-każ tal-lum, il-konvenuti la spjegaw għalfejn, skont huma, ir-rikors ġuramentat mhuwiex konformi mal-artikolu 156(1)(a), u wisq inqas urew li sofrew xi preġudizzju. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Il-konvenuti imbagħad jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kap. 16. Madanakollu, ladarba l-atturi rrinunzjaw għat-talbiet tagħhom għad-danni, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni m'għadhiex rilevanti għaliex l-atturi mhumiex

aktar qegħdin jitolbu danni jew ħlas. L-istess jingħad dwar it-tmien eċċezzjoni.

Permezz tas-sitt eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu li l-kopja tal-iskrittura tat-8 ta' Mejju 1995, esibita mill-atturi, mhijiex ammissibbli bħala prova għaliex la hija l-oriġinal u lanqas kopja tagħha, u b'żieda ma dan mhijiex l-iskrittura fl-intier tagħha u ma tistax tiġi awtentikata.

Il-Qorti ma taqbilx illi din il-kopja mhijiex ammissibbli bħala prova. Fl-ewwel lok, il-Qorti awtorizzat lill-atturi jressqu bħala xhud f'din il-kawża lil Dr. Mark Busuttil li kien xhud tal-firem tal-partijiet fuq l-iskrittura. Dr. Busuttil ikkonferma li din l-iskrittura kienet redatta minnu u li l-partijiet iffirmaw quddiemu. Fuq kollox, kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ fl-ismijiet John Baptist Zammit vs John Grech tat-28 ta' April 2004:

> *"Effettivament, huwa pacifiku wkoll illi ghall-prova ta' l-ezistenza ta' ftehim, hu x'inhu, ma kienetx indispensabbli l-produzzjoni tal-iskrittura u huwa bizzejjed illi l-prova ssir bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mir-rizultanzi processwali."*

Fit-tieni lok, ghalkemm huwa minnu li ma ġietx esibita kopja tal-iskrittura fl-intier tagħha, dan ma jfissirx illi dan id-dokument ma jistax iservi ta' prova ta' dak li hemm miktub fil-parti tal-iskrittura li ġiet esibita u li hija leġibbli. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda.

Finalment, il-konvenuti jeċċepixxu li kienu l-atturi li naqsu mill-obbligu tagħhom li jħallsu s-somma miftiehma, u għalhekk, a tenur tal-Artikolu 1068 tal-Kap. 16, skattat il-kundizzjoni riżoluttiva.

Il-Qorti ser tibda billi tgħid illi l-verżjoni tal-attur li huwa ħallas sabiex xtara x-xarabank fl-1979 mhijiex kredibbli in vista tas-segwenti osservazzjonijiet:

i. L-attur naqas milli jippreżenta riċevuta għall-ħlas ta' Lm1,400 li jgħid li għamel fl-1979;

ii. Minkejja li jgħid li huwa dejjem ħallas l-ispejjeż kollha relatati ma din ix-xarabank, ma ppreżentax imqar dokument wieħed sabiex juri dan;

iii. Li kieku x-xarabank kien xtraha fl-1979, naturalment ma kienx ser jerġa jixtriha fl-1995;

iv. L-attur naqas milli jispjega kif ġie miftiehem prezz fl-iskrittura tal-1995 meta, skont hu, dakinhar ma kellu jitħallas l-ebda prezz għaliex ix-xarabank kien diġà xtraha fl-1979;

v. Filwaqt illi l-attur jgħid li x-xarabank ma ġietx reġistrata fuq ismu fl-1979 għaliex dak iż-żmien huwa seta' jkollu waħda biss reġistrata fuq ismu, fl-istess nifs jgħid illi kellu erbgħa oħra reġistrati fuqu.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u nonostante li fl-iskrittura ġie dikjarat illi l-vendituri kienu qegħdin iħallu d-debita riċevuta, din il-Qorti hija aktar disposta temmen il-verżjoni tal-konvenut Carmelo Falzon li l-attur qatt ma ħallas ċenteżmu għall-akkwist tax-xarabank *de quo*.

Dan ma jfissirx illi l-bejgħ qisu qatt ma sar. Skont l-Artikolu 1347 tal-Kap. 16,

> "*il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.*"

Madanakollu, ladarba l-atturi naqsu milli jħallsu l-prezz miftiehem għall-bejgħ, il-konvenut mhuwiex mistenni li jitrasferixxi x-xarabank għal fuq isem l-attur. Kif proprju qalet il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et, tad-29 ta' Novembru 2013:

*"Fil-kuntest tal-aggravju tal-konvenuti marbut mat-tielet eccezzjoni, dik bazata fuq il-principju inademplendi non est ademplendum, qed jigi sottomess illi l-attur ma jistax jitlob il-hlas tal-oggett, meta hu stess naqas li jonora l-obbligu tieghu taht l-iskrittura tat-18 ta' Marzu 2003 li jaghmel it-transfer tar-registrazzjoni tal-vettura. Din il- Qorti, pero`, ma tarax li ghandha tapplika dan il-principju f'dan il-kaz ghax m'ghandux ikun mistenni li l-attur jittrasferixxi l-vettura ghal fuq isem il-konvenut meta dan ma hallas xejn mill-kapital dovut bhala l-prezz. Kif qalet l- ewwel Qorti, l-attur qatt ma gie mitlub jersaq ghar-registrazzjoni tat-trasferiment, u meta l-konvenut ma hallas xejn mill-prezz tal-vettura, mhux mistenni li l-attur iwettaq l-obbligu tieghu meta l-konvenut ma wettaqx tieghu. Hekk, fil-kawza Azzopardi v. Camilleri, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru 2011, il-Qorti qalet li l-atturi ma humiex mistennija li jaghtu l-kunsens taghhom fuq l-applikazzjonijiet li saru mal-awtoritajiet ghall-bdil tal-generu tan-negozju mill-fond inkwistjoni ladarba l-konvenuti kienu naqsu li jhallsu l- kera. Il-konvenuti f'dan il-kaz, setghu iddepozitaw il-prezz fil-Qorti biex jikkawtelaw l-interessi taghhom, pero`, meta huma naqsu milli jhallsu l-prezz tal-oggett, ma jistghux jippretendu illi l-attur wettaq l-obbligu tieghu biex il-vettura tkun registrata fuq isimhom."*

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tillibera lill-Awtorità intimata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-atturi ċedew l-atti tal-kawża fil-konfront tagħha;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet, raba' u ħames talba stante li l-atturi rrinunzjaw għalihom;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba', ħames u tmien eċċezzjoni tal-konvenuti stante li dawn saru fil-konfront tat-tielet, raba' u ħames talba attriċi;

4. Tiċħad l-ewwel, tieni, tielet u sitt eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

5. Tilqa’ s-seba’ eċċezzjoni u għaldaqstant,

6. Tiċħad l-ewwel u tieni talbiet attriċi.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi.

IMHALLEF

DEP/REG